MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 72/2011

**Carmel Micallef (Detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 505465M)**

**vs**

**Reuben Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-26 ta' Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija tmienja u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1,448.66) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta’ elf erba’ mija tmienja u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1,448.66) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------